BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 08/2011**

**Awwissu 2011**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ din l-istqarrija dwar l-istatistika monetarja għall-Awwissu 2011.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'EUR145.6 miljun, jew 1.5%, f'Awwissu, għal EUR9.6 biljuni (ara Tabella 1). Sadanittant, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena telgħet għal 5.1% minn 2.6% f'Lulju.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) naqas b'EUR9.5 miljuni, jew 0.2%. Dan seħħ minħabba tnaqqis fid-depożiti *overnight* għalkemm l-ammont ta' flus maħruġa naqas ukoll mix-xahar ta' qabel. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 għoliet għal 9.7% f'Awwissu minn 6.9% xahar qabel.

Minkejja t-tnaqqis fl-M1 matul ix-xahar, il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber b'EUR142.7 miljun, jew 1.5%, f'Awwissu. Dan kien kważi kollu dovut għal żieda ta' EUR132.7 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Ikkontribwiet ukoll b'mod pożittiv żieda fid-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 aċċelerat għal 5.1% meta mqabbla ma' 2.5% f'Lulju.

Rigward il-kontropartijiet tal-M3, is-self kiber b'EUR246.8 miljun, jew 1.7%, f'Awwissu. Dan it-tkabbir seħħ prinċipalment minħabba żieda fis-self lill-gvern ġenerali, waqt li s-self lil residenti oħra żdied bi ftit. Fuq bażi annwali, it-tkabbir totali fis-self għola għal 6.6% minn 5.5% ix-xahar ta' qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'EUR246.9 miljun, jew 2.9%. Dan kien dovut għal tnaqqis fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro, li kienet kaġun ta' tnaqqis fis-self lil residenti barranin u tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn gvernijiet ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro. Din għelbet tnaqqis li kien hemm fl-obbligazzjonjiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro li minn naħa tagħhom kienet kaġun ta' tnaqqis fis-self kontra titoli flimkien ma' anqas depożiti fissi miżmuma ma' IFM residenti.

F'Awwissu l-kontropartijiet l-oħra tal-M3 waqgħu wkoll b'EUR145.6 miljun, jew 1.1%. Dan seħħ minħabba tnaqqis fl-obbligazzjonijiet oħra (netti), li rriflettiet primarjament transazzjonijiet bejn il-banek ma' residenti ta' pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Dan it-tnaqqis għeleb żieda li kien hemm fl-obbligazzjonjiet tal-IFM lejn il-gvern ċentrali kif ukoll fl-ammonti ta' obbligazzjonijiet finanzjarji tagħhom fuq żmien itwal.

## Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

Id-depożiti ta' residenti ta' Malta miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR63.7 miljun, jew 0.8% f'Awwissu (ara Tabella 2). Dan seħħ prinċipalment minħabba żieda fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas hekk kif id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur kibru aktar bil-mod filwaqt li naqsu d-depożiti *overnight*.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kibru b'EUR53.7 miljun jew 1.5% b'din iż-żieda tkun dovuta kollha kemm hi għall-kumpaniji tal-assikurazzjoni, għall-kumpaniji privati mhux finanzjarji u għall-individwi. Min-naħa l-oħra, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur kibru b'EUR17.4 miljun, jew 15.1%. B'kuntrast ma' dan, f'Awwissu, id-depożiti *overnight* naqsu b'EUR7.4 miljuni, jew 0.2% hekk kif tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji għelbet żieda fid-depożiti miżmuma mill-individwi, mill-kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u mill-istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Iż-żieda fid-depożiti totali minn sena għall-oħra għoliet għal 4.0% minn 1.6% f'Lulju.

Is-self lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) kiber b'EUR66.9 miljun, jew 0.6%, minħabba żieda fis-self ta' EUR67.0 miljun lil gvern ġenerali. Dan seħħ minn żieda fl-ammont miżmum ta' bonds tal-Gvern ta' Malta u aktar self estiż lis-settur tal-gvern ġenerali li għeleb it-tnaqqis fl-ammont ta' *bills* tat-teżor miżmum mill-IFM. It-tkabbir annwali ta' din il-kontroparti għoliet għal 4.8% minn 3.3% xahar qabel. Is-self lil residenti barra l-gvern ġenerali naqas marġinalment b'EUR0.2 miljuni hekk kif tnaqqis fis-self lil kumpaniji mhux finanzjarji u istituzzjonjiet oħra kienu parzjalment megħluba b'volum akbar ta' self lil setturi oħra primarjament lill-individwi.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin għolew b'EUR48.8 miljun, jew 0.4% f'Awwissu (ara Tabella 2).[1] Il-posizzjoni nett tjiebet hekk kif tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin tal-banek kienet ikbar mit-tnaqqis fl-assi barranin tagħhom. Ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena waqgħet minn 2.9% f'Lulju għal 2.6%.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 ma nbidlitx u baqgħet 1.14%, l-istess kif kienet f'Lulju. Ir-rata mitluba fuq is-self ukoll baqgħet l-istess jiġifieri 4.75%. Madankollu, meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti naqset b'erba' punti bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self għoliet bi tliet punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*€ miljuni*

| | Aww-11 | Lul-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,269.9** | **5,279.4** | **-9.5** | **-0.2** | **4,805.5** | **464.5** | **9.7** |
| Flus maħruġa[(4)] | 685.1 | 686.5 | -1.4 | -0.2 | 659.5 | 25.6 | 3.9 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 4,584.9 | 4,592.9 | -8.0 | -0.2 | 4,146.0 | 438.9 | 10.6 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,395.3** | **9,252.6** | **142.7** | **1.5** | **8,942.2** | **453.1** | **5.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,269.9 | 5,279.4 | -9.5 | -0.2 | 4,805.5 | 464.5 | 9.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 134.8 | 115.4 | 19.4 | 16.8 | 113.8 | 21.0 | 18.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 3,990.5 | 3,857.8 | 132.7 | 3.4 | 4,022.9 | -32.4 | -0.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,609.0** | **9,463.4** | **145.6** | **1.5** | **9,138.5** | **470.5** | **5.1** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,395.3 | 9,252.6 | 142.7 | 1.5 | 8,942.2 | 453.1 | 5.1 |
| Self kontra titoli | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas[(6)] | 213.7 | 210.8 | 2.9 | 1.4 | 196.3 | 17.5 | 8.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,072.7** | **14,825.9** | **246.8** | **1.7** | **14,139.8** | **932.9** | **6.6** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,506.6 | 4,262.8 | 243.9 | 5.7 | 3,783.9 | 722.8 | 19.1 |
| Self lil setturi oħra | 10,566.0 | 10,563.1 | 2.9 | 0.0 | 10,355.9 | 210.1 | 2.0 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,200.5** | **8,447.3** | **-246.9** | **-2.9** | **9,120.6** | **-920.1** | **-10.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 29,075.9 | 29,768.3 | -692.4 | -2.3 | 30,207.4 | -1,131.6 | -3.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 20,875.4 | 21,321.0 | -445.5 | -2.1 | 21,086.9 | -211.4 | -1.0 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **13,664.1** | **13,809.8** | **-145.6** | **-1.1** | **14,121.9** | **-457.8** | **-3.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 758.7 | 656.3 | 102.4 | 15.6 | 834.9 | -76.2 | -9.1 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,677.9 | 11,621.5 | 56.3 | 0.5 | 11,154.6 | 523.2 | 4.7 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,227.5 | 1,531.9 | -304.4 | -19.9 | 2,132.4 | -904.9 | -42.4 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minhabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[(1)]

*€ miljuni*

| | Aww-11 | Lul-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,345.0** | **8,281.3** | **63.7** | **0.8** | **8,020.3** | **324.7** | **4.0** |
| Depożiti *overnight* | 4,455.1 | 4,462.5 | -7.4 | -0.2 | 4,038.3 | 416.9 | 10.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(2)] | 132.8 | 115.4 | 17.4 | 15.1 | 113.7 | 19.1 | 16.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(2)] | 3,757.1 | 3,703.4 | 53.7 | 1.5 | 3,868.3 | -111.2 | -2.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,632.0** | **10,565.1** | **66.9** | **0.6** | **10,172.9** | **459.1** | **4.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,311.3 | 2,244.3 | 67.0 | 3.0 | 2,204.7 | 106.6 | 4.8 |
| Self lil setturi oħra | 8,320.7 | 8,320.8 | -0.2 | 0.0 | 7,968.2 | 352.5 | 4.4 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,152.6** | **11,103.9** | **48.8** | **0.4** | **10,866.3** | **286.3** | **2.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 40,571.5 | 41,214.6 | -643.1 | -1.6 | 40,402.9 | 168.6 | 0.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 29,418.9 | 30,110.8 | -691.9 | -2.3 | 29,536.6 | -117.7 | -0.4 |

[(1)] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minhabba rrawndjar.
[(2)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.